GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 17 ta' Marzu, 2023 **Ref:** DLAP 071/2023

**Lill-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tal-Istat, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** Kevin Azzopardi, Uffiċjal Edukattiv (Edukazzjoni Fiżika, SEC & SCDP)

**Suġġett:** Sport Career Development Programme (SCDP) 2023-4

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tal-Istat huma ġentilment mitluba biex jinfurmaw lill-ġenituri/kustodjiu studenti li l-applikazzjonijiet għall-iSport Career Development Programme (SCDP) li jiġu segwiti fis-7 sena u fid-9 sena matul is-sena skolastika 2023/4 huma miftuħin.

L-iSport Career Development Programme (SCDP) issa qiegħed fil-ħames sena tiegħu fejn l-ewwel grupp tal-11-il sena se jlestu l-istudji tagħhom u se jiġu mogħtija ċertifikat Akkreditat MQF f'livell 2 jew 3 li jiddependi mil-livell li waslu għalih huma. Fl-aħħar tas-sena 8, studenti li jispiċċaw b'suċċess jiġu mogħtija wkoll ċertifikat Akkreditat MQF f'livell 1.

Wara li ntlaħaq ftehim mal-istituzzjonijiet rispettivi, studenti li jattjenu Ċertifikat Akkreditat MQF f'livell 3 jistgħu jippreżentawh biex ikomplu l-istudji tagħhom f'livell post sekondarju li huma fil- Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), fl-Istitut tal-Istudji fit-Turiżmu (ITS), Giovanni Curmi Higher Secondary School, GEM 16+, il-Kulleġġ De la Salle u Sir M.A. Refalo Sixth form f'Għawdex. Bħalissa, hemm iktar diskussjonijiet għaddejjin biex istituzzjonijiet oħra post-sekondarji jsegwu l-istess rotta.

L-iSCDP jikkonsisti f'erba' lezzjonijiet kull ġimgħa, normalment żewġ lezzjonijiet doppji. Meta jiġi magħżul fis-7 sena, jiġi offrut minflok l-Arti, id-Disinn & t-Teknoloġija, Home Economics u Mużika filwaqt li mid-9 sena 'il quddiem jista' jiġi magħżul bħala Suġġett 'Option'.

Biex jassiguraw posthom fil-programm, l-istudenti jridu jagħmlu assessjar Prattiku fl-isport li jkunu għażlu, skont il-lista t'hawn taħt. Dan iseħħ fil-fażi ta' tranżizzjoni bejn is-6 sena u is-7 sena u kif ukollbejn it-8 sena u d-9 sena għall-istudenti li jkunu jixtiequ jagħżlu l-iSCDP bħala Suġġett 'Option' li ma jkunux segwew dan il-programm fis-7 sena u fit-8 sena. Dawk l-istudenti li jkunu diġa segwew l-iSCDPfis-sena 7 u fis-sena 8 u jixtiequ jagħżluh bħala Suġġett 'Option' mhumiex mitluba li jerġgħu jagħmlu l-assessjar prattiku imma jkollhom posthom garantit, dejjem suġġett għar-riżultat li jkunu laħqu l- istandard neċċessarju, skont kif inhu preskritt fir-Riżultati ta' Tagħlim (Learning Outcomes).

Is-sillabu komplut tal-iSCDP u tar-Riżultati ta' tagħlim jistgħu jiġu segwiti fuq din il-link:

https://curriculum.gov.mt/en/new_syllabi/Documents/Year_07_08/PE_SCDP_Sept_2018.pdf

Mis-sena Skolastika 2023-4, dawn id-dixxiplini sportivi li ġejjin se jkunu offruti fis-7 u d-9 sena kif ġej:

| KULLEĠĠ | SKOLA | SPORTS |
|---|---|---|
| Kulleġġ t'Għawdex | Skola Medja Rabat Għawdex | Atletika<br>Baskitbol<br>Żfin<br>Futbol<br>Sparar<br>Għawm |
| | Skola Sekondarja Rabat Għawdex | Atletika<br>Baskitbol<br>Żfin<br>Futbol<br>Sparar |
| Kulleġġ Maria Reġina | Skola Medja Naxxar | Baskitbol<br>Futbol<br>Tejbil-tenis<br>Triathlon<br>Wrestling |
| | Skola Sekondarja Mosta Żokrija | Baskitbol<br>Futbol |
| Kulleġġ San Nikola | Skola Medja Rabat | Baskitbol<br>Futbol<br>Żfin |
| | Skola Sekondarja Dingli | Futbol<br>Żfin |
| Kulleġġ Santa Klara | Skola (Medja) Pembroke | Futbol<br>Ġinnastika Artistika<br>Netbol<br>Obstacle Course Race<br>Ragbi<br>Judo |
| | Skola Sekondarja Pembroke | Futbol<br>Judoi |
| Kulleġġ San Injajzju | Skola Medja Ħandaq | Atletika<br>Żfin<br>Futbol |
| | Skola Sekondarja Ħandaq | Atletika<br>Futbol |
| Kulleġġ Santa Tereża | Skola Medja Birkirkara | Futbol<br>Weightlifting<br>Żfin |
| | Skola Sekondarja Imrieħel | Futbol<br>Żfin |

| | | |
|---|---|---|
| Kulleġġ San Ġorg Preca | Skola Medja Blata l-Bajda | Baskitbol<br>Futbol<br>Netbol |
| | Skola Sekondarja Ħamrun | Baskitbol<br>Futbol |
| Kulleġġ San Benedittu | Skola Medja Kirkop | Atletika<br>Badminton<br>Futbol<br>Ġinnastika Artistika |
| | Skola Sekondarja Kirkop | Futbol |
| Kulleġġ Santa Margerita | Skola Medja Bormla | Break Dance<br>Futbol<br>Tejbil-tenis<br>Weightlifting |
| | Skola Sekondarja Verdala | Futbol |
| Kulleġġ St. Thomas More | Skola Medja Tarxien | Basktitbol<br>Futbol |
| | Skola Sekondarja Sta. Lucija | Baskitbol<br>Futbol |
| | Skola (Medja) Żejtun | Atletika<br>Ħoki<br>Futbol |
| | Skola Sekondarja Zejtun | Atletika<br>Futbol |

L-assessjar Prattiku għall-istudenti tas-6 sena li jixtiequ jkunu parti minn dan il-programm minn Settembru 2023 għas-7 sena kif ukoll għall-istudenti li qegħdin fit-8 sena u s-sena d-dieħla se jkunu fid-9 sena se jkunu miżmuma kif ġej:

| STUDENTI RESIDENTI F'GĦAWDEX | | | |
|---|---|---|---|
| SPORT | POST | DATA | ĦIN |
| **Atletika** | Skola Sekondarja Rabat Għawdex | It-Tnejn 24 t'April | 9am – 10.30am |
| **Baskitbol** | Skola Medja Rabat Għawdex | It-Tlieta 25 t'April | 9am – 10.30am |
| **Futbol** | Kerċem Stadium<br>*(eliġibli biss studenti li ma ħadux sehem fil-provi li saru f'Novembru u Diċembru 2022)* | L-Erbgħa 19 t'April | 9am – 10.30am |
| **Żfin** | Skola Medja Rabat Għawdex | It-Tnejn 24 t' April | 9am – 10.30am |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sparar | Ta' Mhelhel Shooting Range, Żebbug | L-Erbgħa 26 t'April | 9am – 10.30am |
| Għawm | Arka Foundation, Għajnsielem | L-Erbgħa 26 t' April | 10:30am – 12.00pm |

| STUDENTI RESIDENTI F'MALTA | | | |
|---|---|---|---|
| SPORT | POST | DATA | ĦIN |
| **Atletika** | Grawnd tal-Atletika Marsa | It-Tlieta 25 t'April | 9am – 10.30am |
| **Badminton** | Kumpless Sportiv Kirkop | L-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Baskitbol** | Paviljun tal-Baskitbol Ta' Qali | It-Tnejn 24 t' April | 9am – 10.30am |
| **Break Dance** | Skola Medja Bormla | L-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Futbol** | Kumpless Sportiv Maria Assunta, Ħamrun ***(eliġibli biss studenti li ma ħadux sehem fil-provi li saru f'Novembru u Diċembru 2022)*** | L-Erbgħa 19 t'April | 9am – 10.30am |
| **Żfin** | Skola Medja Rabat | It-Tlieta 25 t'April | 9am – 10.30am |
| **Ġinnastika Artistika** | Kumpless Sportiv Kirkop | L-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Ħoki** | Kumpless Nazzjonali tal-Ħoki Kordin | L-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Ġudo** | Ċentru Nazzjonali tal-Ġudo, Pembroke | Il-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Netbol** | Kumpless Sportiv Kirkop | L-Tlieta 25 t'April | 9am – 10.30am |
| **Obstacle Course Race** | Skola Sekondarja Pambroke | L-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Ragbi** | Skola Sekondarja Pembroke | L-Erbgħa 26 t' April | 9am – 10.30am |
| **Tejbil-Tenis** | Skola Medja Naxxar | It-Tnejn 24 t'April | 9am – 10.30am |
| **Triathlon*** | Kumpless Sportiv fl-Università | It-Tlieta 25 t'April | 9am – 11am |
| **Weightlifting** | Skola Nazzjonali ta' l-iSport Pembroke | It-Tlieta 25 t'April | 9am – 10.30am |
| **Wrestling** | Skola Medja Naxxar | It-Tnejn 24 t' April | 9am – 10.30am |

*iridu jġibu r-rota tagħhom u niltaqgħu fit-trakka tal-ġiri fl-Università.

Dawk interessati li jipparteċipaw għandhom jimlew il-formola tal-applikazzjoni mehmuża u jippreżentawha **fl-istess ġurnata** tal-assessjar fil-post indikat fit-tabella t' hawn fuq.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-paġna ta' Facebook tal-iSCDP:

https://www.facebook.com/medeonlinesportsfest

Il-laqgħat onlajn għall-ġenituri u kustodji se jkunu miżmuma kif ġej:

SCDP Għawdex – L-Erbgħa 29 ta' Marzu fid-9am

Link: agħfas hawn

SCDP Malta – L-Erbgħa 29 ta' Marzu fl-10am

Link: agħfas hawn

Kwalunkwe mistoqsijiet għandhom jintbagħtu fuq scdp@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-kollaborazzjoni tagħkom,

Sandra Ebejer

**Direttriċi,**

Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar